MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 986/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Michael Sultana**

**Kumpilazzoni Numru: 986/2008**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Sultana, ta’ 35 sena, iben missier mhux maghruf u Giovanna Sultana, imwieled il-Pieta’ fis-16 ta’ April, 1972 u residenti fil-fond 66, Triq id-Dejqa, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 188572M.

Akkuzat f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Ottubru, 2008 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija (06:00pm), f'dawn il-Gzejjer, Fi Triq Mikelangelo Cagiano, San Giljan,

1. Ikkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla Majestic u stereo equalizer ta' l-ghamla San Sound, mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBJ 597 tal-marka Toyota, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur (aktar minn €233.10 izda anqas minn €2331.00) ghad-dannu ta' Paul Bugeja;

2. Akkuzat ukoll talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara volontarjament jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' locks u/jew dashboards tal-vettura AAM 929 ta' l-ghamla Renault ghad-dannu ta' Marisa Bonanno, vettura CBJ 597 ta' l-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Paul Bugeja u l-vettura BBL 867 ta' l-ghamla Mitsubishi ghad-dannu ta' Joel Spiteri rispettivament.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 1579 Johann Mifsud, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data gewwa l-ghassa ta' San Giljan ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1579 Johann Mifsud, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wara li f'Malta gie ikkundannat ghal serq jew ricetazzjoni, instab fil-pussess tieghu flus jew oggetti ohra li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta' kont sodisfacenti ta kif gew legittimament ghandu, inkella instabu ghandu ghoddod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinstabu ghandu;

7. Akkuzat ukoll talli fl-istess data u hin gewwa l-ghassa ta’ San Giljan, volontarjament kiser il-paci pubblika b’ghajjat u storbju;
8. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
9. Akkuzat ukoll talli fit-12 ta’ Ottubru, 2008, bejn il-hin tal-hamsa ta’ filghaxija u s-sebgha ta’ filghaxija (17:00hrs – 19:00hrs) ikkommetta serq ta’ CD’s ghal valur komplessiv ta’ anqas minn €233 minn San Giljan minn gewwa l-vettura numru bin-numru ta’ registrazzjoni JBJ 465 ta’ l-ghamla Toyota ghad-dannu ta’ Jennifer May Gingell LittleJohn, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 261(b)(c)(g), 263, 264, 267, 271, 287, 289, 325(1)(b), 334 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk ta’ serq (aggravat bil-mezz, valur u xorta tal-haga) minn vettura numru ta’ registrazzjoni CBJ 597 a dannu ta’ Paul Bugeja, u serq (aggravat bix-xorta tal-haga) minn vettura b’numru ta’ registrazzjoni JBJ 463 a dannu ta’ Jennifer Gingell Littlejohn; ricettazzjoni; hsara volontarja fil-vetturi b’numru ta’ registrazzjoni AAM 929, CBJ 597 u BBL 867 a dannu ta’ Marisa Bonanno, Paul Bugeja u Joel Spiteri rispettivament; attakk u rezistenza kif ukoll ingurja u theddied kontra PS 1579 Johann Mifsud; pussess ta’ oggetti tajbin ghal sgass minghajr ma ta spjega ta skop legittimu ghall-pussess taghhom; ksur tal-paci u buon ordni pubbliku; u recidiva.

Illi mill-provi prodotti, li ma gew kontestati b'l-ebda mod, jirrizulta ampjament li l-imputat ikkommetta serq mill-vetturi CBJ 597 u JBJ 463. Ghalkemm il-valur ezatt ta'l-oggetti misruqa ma jirrizultax dan jista jigi stabbilit mill-Qorti fis-sens li tenut kont ta'l-oggetti misruqa m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-valur (fil-kaz tas-serq indikat f'l-ewwel imputazzjoni) jeccedi €232.93 pero ma jistghax jigi stabbilit li jeccedi ukoll €2329.37.

Illi l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni hija alternattiva ghal dawk ta' serq, li jirrizultaw sodisfacjentement pruvati, konsegwentment l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni.

Illi mill-provi jirrizulta ukoll li f'dan l-incident l-imputat ikkawza hsara fil-vettura b'numru ta' registrazzjoni AAM 929 a dannu ta' Marisa Bonanno u fil-vettura b'numru ta' registrazzjoni CBJ 597 a dannu ta' Paul Bugeja. Mid-dokumenti esebieti jirrizulta li l-hsara ikkawzata f'dawn il-vetturi komplessivament tammonta ghal €144. Ghandu jinghad li mid-depozizzjoni ta' Joel Spiteri propjetarju tal-vettura BBL 867 ma jirrizultax li gew kawzati xi danni f'din il-vettura. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm mid-depozizzjoni ta' Joel Spiteri jirrizulta li naqsu xi oggetti mill-vettura tieghu m'hemm l-ebda imputazzjoni li tirreferi ghal dan il-fatt.

Illi mid-depozizzjoni ta' PS1579 Johann Mifsud u PC157 Brian Mifsud jirrizultaw ukoll r-raba, l-hames s-sitt u s-sebgha imputazzjoni fil-waqt li mis-sentenzi esebieti tirrizulta ukoll t-tmien imputazzjoni.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinsab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda refrettarja. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll r-rappport ta'l-ufficjal tal-probation u l-fatt li jidher li f'dawn l-ahhar gimghat l-imputat verament qed jipprova jibdel hajtu u jaqbad it-triq tar-riabilitazzjoni. In vista ta' dan il-Qorti hija disposta taghti l-ahhar opportunita lill-imputat biex verament jirriabilita ruhu; dan il-Qorti tista' taghmlu billi tpoggih taht ordni ta' probation

b’ordni li l-imputat, kif gja pjanat, f’dawn il-granet jibda l-programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u jkompli dan il-programm sa tmienu; in oltre l-ufficjal ta’ probation ghandu jirrapporta kull sitt xhur lill-Qorti dwar l-andament ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 261(b)(c)(g), 263, 264, 267, 271, 287, 289, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b’dan li ai fini tar-raba imputazzjoni qed issibu hati biss li kkawza hsara volontarja fil-vetturi b’numru ta’ registrazzjoni AAM 929 u CBJ 597, u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre l-imputat qed jigi ordnat ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ €224.17 rapprezentanti spejjez relatati mal-hatra ta’ esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbillta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna ukoll n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------